# Evening Primrose

Elena Cardona

"Toqgħodx tinkwieta Lydia, kollox se jiġi għan-normal. Ħu waħda kull filgħaxija u f'anqas minn xahar tibda tara r-riżultati. Jekk ikollok bżonn xi ħaġa, tiddejjaqx iċċempel," qaħqaħ it-tabib.

Tommy, b'wiċċu jixgħel, irringrazzja lit-tabib, waqt li qabad id Lydia u għafashielha biex jassiguraha li kollox kien se jkun sew. Min-naħa l-oħra, Lydia, bi tbissima sfurzata, qamet bilwieqfa biex ifittxu jitilqu 'l barra mill-klinika għax kienet xebgħet hemm ġew. Kien baqgħalha skoss qadi x'tagħmel qabel ma titlaq għal Pienza.

* * *

Lydia u Tommy kien ilhom miżżewġin ħmistax-il sena u joqogħdu f'villa lussuża fil-Manikata. F'dawn l-aħħar ħmistax-il sena ta' rabta ċoff, Lydia ma rat l-ebda bidla f'Tommy. Kien għadu dak iż-żagħżugħ ġwejjed li ltaqgħet miegħu xi għoxrin sena qabel f'bar f'Tas-Sliema. Tipikament, il-ġuvintur kollha li kienet toħroġ magħhom qabel kienu avventurużi, ma jaħsbuhiex darbtejn u twal. Iżda dan Tommy kien differenti. Għajnejh kbar żoroq u ħarstu ħelwa, serqulha qalbha. U ħames snin biss wara kienet ħalfet quddiem il-qassis li fis-saħħa u fil-mard, fit-tajjeb u l-ħażin, hi, Lydia de Barro, ma kienet se tħobb lil ħadd aktar ħlief lil Tommy Tonna u tibqa' fidila lejh sal-mewt.

Għall-bidu, il-ħajja miżżewġa tagħhom kienet perfetta iżda meta Lydia temmet l-istudji tagħha u bdiet taħdem fil-qasam tal-arti, Tommy xejn ma ħa gost. Peress li Lydia kienet waħda mill-aqwa kuraturi minħabba l-metikolużità f'xogħolha, hi kienet imfittxija ferm biex torganizza u tkun inkarigata minn esebizzjonijiet ta' kalibru f'mużewijiet prestiġjużi fl-Ewropa. Ta' sikwit kienet tkun mistiedna biex tagħti taħditiet fuq l-arti Rinaxximentali – l-ispeċjalità tagħha – u fuq xogħolha bħala kuratriċi f'universitajiet l-Italja. Dan kollu kien jirrekjedi ħafna vjaġġar lil hinn minn Malta, daqqa ta' tlett ijiem jew inkella xi xahar sħiħ. Kien minħabba f'hekk li Tommy kien ta' spiss igerger peress li kważi ta' kull xahar martu kien ikollha ssiefer, waqt li hu jisfa' waħdu d-dar. Però s-safar ma kienx jgħodd għalih. Kien jgħid li l-ajruplan idejqu, iħossu klawstrofobiku meta jkun ġo fih u ma kienx jiflaħ jagħmel xi sagħtejn bilqiegħda ma jitħarrikx, imdawwar b' nies ma jafhomx. Din il-litanija kollha kienet tismagħha kull darba li Lydia ħajret lil Tommy biex jakkompanjaha f'xi vjaġġ minnhom.

Darba minnhom, saħansitra, kienet żerżqitlu l-ħsieb li messhom imorru jgħixu barra, possibilment l-Italja, peress li l-mużewijiet Rinaxximentali kienu l-biċċa l-kbira hemmhekk. Però Tommy kien oppona bl-ikrah u tgħidx x'saħna ħa, tant li għamel jumejn bla vuċi. Hu kien ikkakkmat mal-gżira u ma kienx lest li jitlaq, anke jekk fil-fond nett ta' qalbu kien jaf li jekk imorru jgħixu l-Italja kien se jqatta' aktar ħin ma' Lydia. Għalhekk f'dawk l-iljieli li kien ikun waħdu, kien jistieden lil sħabu u joqogħdu jilagħbu ċ-ċess. Kien jaf li kieku mhux għall-paga li kellha Lydia, ma kienx se joqgħod jordna s-*sushi* bl-abbundanza u jiftaħ il-fliexken tal-*Moët et Chandon Impérial* meta jiġu sħabu, għax bil-paga modesta tiegħu lanqas kien jibda. Lydia qatt ma ndaħlitlu kemm kien qiegħed jonfoq flus fuq dawn sħabu u kemm-il darba kielu minn fuq daharha. B'sens ta' rispett kien jigdem ilsienu u ma jargumentax dwar is-safar li tant kien ikiddu.

* * *

Kienet waslet xi siegħa u nofs kmieni, qabel kellha tibda t-tnedija tal-ktieb. Lydia rat li s-sala kienet lesta minn kollox: diversi ritratti mkabbrin imwaħħlin fuq bords apposta, mejda ċkejkna fil-ġenb b'mikrofonu u ktieb, u xi madwar ħamsin siġġu ppustjati forma ta' nofs tond. Din kienet l-unika sala fil-kafetterija, magħrufa għall-kannoli mimlija b'kull tip ta' rkotta: taċ-ċikkulata, pistaċċi, lewż, frawli.

U hawn kienet Lydia, liebsa libsa eleganti ferm, mil-lewn id-demm tal-baqra, tistenna l-ħin jgħaddi biex tibda t-tnedija tal-ktieb; it-tnedija tal-ktieb tagħha *La Gioia di Vivere*. Kienet tista' tgħid ilha s-snin tistenna l-ġurnata li fiha tippubblika ktieb li fih jiġbor l-arti tal-kurazzjoni u d-diversi esebizzjonijiet li ħadet ħsieb matul dawn l-aħħar għaxar snin. Ma setgħetx temmen kif proprju hi, fl-għoxrin ta' Diċembru, kellha tkun hawn ġewwa Pienza tagħti taħdita fuq l-ewwel pubblikazzjoni tagħha. Setgħet temmen però kif għal darb'oħra Tommy kellu jiddiżappuntaha u ħassitha frustrata kif fl-aktar ġurnata importanti tal-karriera tagħha naqas milli jkun hemm jagħtiha l-appoġġ tiegħu. Ħadd mill-familja tagħha ma kien hemm; ommha ilha mejta xi sentejn u missierha issa xjieħ ferm. Tommy kien l-unika xi ħadd li setgħet issejjaħ familja, iżda kien reġa' għamilhielha.

Fid-disgħa, Lydia, fi dlam ċappa u kesħa fina, kienet fi triqitha biex issib restorant tajjeb; xi mkien għall-irdoss, ħalli tixrob tazza nbid ħamra tal-lokal u titrejjaq. Xejn xejn kien id-dritt sagrosant tagħha li tiċċelebra issa li t-tnedija tal-ktieb kienet lesta. Kienu ħafna dawk li awgurawlha u ferħulha għax-xogħol impekkabbli tagħha, fosthom Tommy li ċemplilha hekk kif kienet lestiet. Leħnu minn fuq it-telefown dardarha u xtaqet li ma rrispondietu xejn. Pruvat tidher eċitata u tieħu gost bl-awguri tiegħu, minkejja li ma felħitux jgħidilha li ddispjaċieh li ma kienx hemm u kif li tal-anqas messu prova biex jara l-esperjenza fuq l-ajruplan kif tkun. Griżmejha kollha mrar bil-kumment mhux f'waqtu ta' Tommy, sabet mejda f'rokna ġewwa restorant tipiku Toskan. Ordnat platt *pici al cinghiale* u flixkun inbid aħmar, li laħqet xorbot nofsu sakemm ġie l-ikel. Eżatt malli ħallset il-kont, telqet b'pass ħafif lejn il-belveder li kuratur seħibha kien ħeġġiġha biex tmur iżżur. Kebbset sigarrett, u ħalliet lil ħarsitha timraħ 'il bogħod lejn id-dawl ipetpet tal-karozzi fl-awtostrada. Ħadd ma kien hemm ħlief żewġ qtates jiġru wara xulxin.

F'salt wieħed ħasset seba' kiesaħ mal-qarquċa ta' widnejha, jilgħab mal-misluta buttun; bħas-silġa li Sandra, kuġinitha, kienet titfgħalha waqt li tkun rieqda għand in-nanna. Nifs sħun, iħarħar, li tħallat mar-riħa ta' maskta ħierġa minn xagħarha, niżel ma' għonqha. Par idejn issikkaw ma' qaddha u ħasset bewsa fuq ħuġbejha. Mingħajr ma kellha ċans tirreaġixxi u tipprotesta, issib ma' wiċċha lill-wejter li kien servieha ftit qabel. Kienet ratu jidħkilha iżda ħasbet li t-tbissim kien parti mis-servizz. Ma indunatx bil-ħars żejjed fir-restorant, kienet

għadha mifxula fuq dak li qalilha Tommy. Kien jismu Stefano; hekk kienet turi l-*badge* kulur id-deheb li kellu mwaħħla mal-but tal-qmis. F'għajnejh, Lydia skopriet ix-xewqa għall-avventura, xi ħaġa li mietet kemm kienet ilha ma' Tommy. Reġa' għafasha miegħu, warrab troffa xagħar u waħħal xufftejh ma' tagħha. Ilsienu dejjem jiżżerżaq ġo fiha, beda jħuf u jgħarrex qalb it-togħma pertinenti tal-inbid. Taha pjaċir lil Lydia dan il-logħob tax-xufftejn u t-tidwir tal-ilsna, u hemmhekk f'dak is-sqaq ċkejken ta' Via del Bacio, li jagħti għal fuq il-belveder, intemmew il-ħmistax-il sena ta' kastità, u li tkompla fil-flett ta' Stefano, xi mitt metru 'l bogħod.

* * *

Fi triqithom lejn id-dar, Lydia kienet imħassba fuq dak li qalilha t-tabib. Din il-qaħbeċ *evening primrose* ma riditx teħodha. Ma kellhiex bżonnha. Kienet kollha farsa din tal-ormoni! Veru li kienet qabżet l-erbgħin, imma l-ormoni kienu għadhom ma żboxxlawx. Mur għidlu lill-għażiż Tommy li l-ormoni tagħha kienu ħafna aktar stabbli mill-ilma ta' wara widnejha, li tant kienet tbati bih. Fil-fatt kien hu li kien beda jimbuttaha, jagħmlilha n-nervi, idarrasha. Matul dawn l-għoxrin sena li kienet ilha tafu, qatt ma rat ħjiel ta' bidla u kien irritaha ferm meta l-ewwel wiegħda li se jitla' magħha għat-tnedija tal-ktieb ġewwa Pienza mbagħad ġimgħa biss qabel qalilha li kien għadu ma għelibx il-biża' li kellu mill-għoli u mill-ajruplan.

Dan l-aħħar kienet saret tassew diffiċli biex isibu xi ħaġa li setgħu jagħmlu flimkien. Meta kienet tkun Malta, Tommy ħafna drabi kien ikun mehdi fit-*tournament* taċ-ċess jew inkella xogħol sat-tmienja bis-sahra u Lydia kien ikollha tqatta' l-ħin tagħha ma' Whisky, il-kelb tal-but, li ġabet mid-dar t'ommha meta din mietet. Xtaqet tobżoqlu din il-verità kollha lil Tommy iżda kienet taf kemm kien jeħodhom bi kbar. Għalhekk kienet ġabitlu skuża bl-ormoni; li bdew jitgerfxu, li issa mal-kwaranta kollox jibda jittanta, il-fwawar jiżdiedu, li mhux dejjem ikollha aptit ikollha x'taqsam miegħu u jibda jkollha burdati koroh. L-ormoni, fil-verità, kienu bidlu d-direzzjoni; iva, qabdu triq oħra mhux dik ta' Tommy imma ta' Stefano. Dik il-bewsa f' Via del Bacio kienet ħallitilha kull rabta ma' Tommy u tatha nifs ġdid mill-ħajja kajmana ta' ma' żewġha. Is-sens ta' avventura reġa' feġġ f'ħajjitha. U s'issa ġa kienet marret ħames darbiet ħdejn

Stefano. Meta darba minnhom Tommy ġie jfissidha u hi qaltlu li kellha ħafna sinjali koroh tal-menopawsa u li aħjar ma jivvinta xejn, Tommy beda jaħseb kif se jgħinha ssolvi din il-problema. U ma ħelsithiex ħafif. Kien ħareġ bl-idea brillanti li jmorru għand it-tabib biex jgħinha ssolvi din il-problema tal-ormoni sploduti. U l-*evening primrose* kellha tkun is-soluzzjoni maġika.

Medhija fil-ħsbijiet, Lydia lanqas indunat li Tommy ġibed mal-ġenb tat-triq, ħdejn spiżerija. Niżel jgħaġġel mill-karozza hu u jħaxwex fil-but għall-flus. Għaxar minuti wara kien lura fil-karozza. Tefa' l-bott pilloli f'ħoġorha, qabbad il-karozza u lissen: "Kollox se jkun bħal qabel, qalbi. Issa tara kif nerġgħu nirrankaw bl-*evening primrose*."